19 ta' Jannar, 1956.

**Imħallef:**

**Onor. Dr. A. Magri, B.Litt., LL.D.**

**Joseph Zammit** *versus* **Joseph Cutajar et.**

**Danni — Responsabbiltà Indiretta — Minuri u Inkapaċi — — Prova — Art. 1977 tal-Kodiċi Ċivili**

*Id-dispożizzjoni tal-liġi li tgħid li kull min għandu l-kura ta' wieħed minuri, jew ta' miġnun, hu obligat għall-ħsara li jagħmel il-minuri jew il-miġnun, meta hu ma jkunx ħa l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja biex il-fatt ma jiġrix, titfa responsabbiltà indiretta dovuta għan-nuqqas tad-debita diliġenza minn min hu obligat jieħu kura ta' dawk l-inkapaċi, u tikkostitwixxi preżunzjoni ta' ħtija; salv lil min hu milqut minnha li jipprova li hu ma setgħax jimpedixxi l-fatt dannuż tal-inkapaċi.*

*Din il-prova trid tkun suffiċjenti, u tali li twaqqa' l-preżunzjoni legali. B'mod li mhux biżżejjed li missier jipprova li, meta ibnu minuri għamel il-każ u kkaġuna d-dannu, huwa kien okkupat fuq ix-xogħol. Di più, jekk il-minuri jkun inklinat għal ħażen, id-dmir u responsabbiltà tal-missier ikomplu jikbru.*

*Però, id-dispożizzjoni tal-liġi tirrendi responsabbli lil dak biss li għandu l-kura tal-minuri; u għalhekk, sakemm il-missier għadu rivestit bil-patrija potestà fuq ibnu, l-omm mhix responsabbli għall-għemil tat-tifel; għax hija ma għandiex legalment il-kura ta' dak it-tifel.*

Il-Qorti;—Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attur talab li, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet u li jittieħdu l-provvedimenti meħtieġa, billi minħabba n-nuqqas ta' viġilanza bħala missier u omm tajba tal-familja da parti tal-konvenuti, l-iben tagħhom minorenni Freddie ikkommetta serq ta' bejn £55 u £60 mill-kaxxun tal-ħanut ta' l-attur, il-konvenuti jiġu "in solidum" kundannati li jħallsu lill-atturi s-somma ta' £55 għar-raġunijiet fuq indikati. Bl-imgħax minn notifika, u bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-mandat tal-qbid tad-9 ta' Ġunju 1951, kontra l-konvenuti;

*Omissis;*

Rat id-deċiżjoni tagħna tal-11 ta' Diċembru 1954, li

biha ġew regolati l-mod u l-limiti tal-prova permezz tax-xhud Michel Angelo Saliba;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi l-attur qiegħed jibbaża l-azzjoni minnu esperita fuq l-art. 1077 tal-Kodiċi Ċivili, li jiddisponi illi "kull min għandu l-ħsieb ta' wieħed minuri, jew ta' miġnun, hu obligat għall-ħsara li jagħmel il-minuri jew il-miġnun, meta huwa ma jkunx ħa l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja, biex il-fatt ma jiġrix". Dan huwa każ ta' responsabbiltà indiretta dovuta għan-nuqqas preżunt tad-debita diligenza minn min hu obligat jieħu kura ta' dawk l-inkapaċi;

Dina d-dispożizzjoni tikkontjeni preżunzjoni ta' ħtija, salv lil min hu milqut minnha li jipprova li hu ma setgħax jimpedixxi l-fatt dannuż ta' l-inkapaċi (Kollez. Vol. XXVI-II-92, u P.A. 25.6.1953 in re "Debono vs. Camilleri"). Jgħid f'dan ir-rigward Laurent: — "Il padre è in colpa solo perchè lascia il figlio in abbandono" (Diritto Civile, XX, para. 564). Dina l-prova kuntrarja għandha tkun sufficjenti u tali li twaqqa' l-preżunzjoni legali. Mhux biżżejjed li l-missier jipprova li, meta l-minuri għamel il-każ, huwa kien okkupat fuq ix-xogħol. Di più, jekk il-minuri jkun inklinat għall-ħażen, id-dmir u r-responsabbiltà tal-missier ikomplu jikbru. "Allorchè il naturale del figlio è vizioso", ikompli jgħid Laurent "è questa una ragione di più per vigilarlo da presso — ciò che accresce la responsabilità del padre. Queste è severo, ma questo è legale" (op. ċit., § 565);

Illi, premessi dawn il-konsiderazzjonijiet ta' indoli legali, għandu jiġi eżaminat jekk il-pretensjoni tal-attur dwar is-serq attribwit lil Alfred Cutajar, tifel minuri tal-konvenuti, ġietx sostanzjata bil-provi. Irriżulta mill-provi ta' l-attur li l-imsemmi Alfred Cutajar seraqlu almenu £55; ammettieh hu stess mal-P.S. Carmelo Muscat u Michel Angelo Saliba, Direttur ta' l-Approved School. Ġie wkoll pruvat illi £19 minnhom, rikonoxxuti mill-attur minħabba l-kitba li kien fihom, ġew misjuba fit-"tall-boy" fid-dar tal-konvenuti. Milli jidher, il-konvenut kien jaf bil-kondotta ħażina ta' ibnu, tant li ta lill-imsemmi Saliba l-informazzjonijiet meħtieġa

għar-rikors li l-istess Saliba għamel biex idaħħal it-tifel fl-Approved School. Fost informazzjonijiet ġeneriċi, kien hemm ukoll li l-minuri kellu tliet każi ta' serq. Il-konvenut qal ukoll lil Saliba li t-tifel kien jagħmilha ma' kumpannija ħażina, kien imur it-talkies ma' min kien akbar minnu, kien kaġun ta' ġlied bejn il-familja u l-ġirien, kien traskurat ħafna fl-iskola u kien baqa' lura ħafna — kollha informazzjonijiet, dawn, li x-xhud Saliba yverifika u sab li kienu reali, tant li ħass ruħu ġustifikat jagħti kors lill-proċedura fuq imsemmija, billi fil-ħsieb tiegħu l-minuri kien qiegħed f'ħajja li setgħet tmexxieh għad-delinkwenza;

Illi kontra dawn ir-riżultanzi ma nġiebet ebda prova, u għalhekk baqgħet isseħħ il-preżunzjoni ta' ħtija stabbilita mil-liġi;

Illi, però, skond l-art. 1077 fuq imsemmi, hija responsabbli tad-danni dik il-persuna biss li għandha l-kura tal-minuri, jiġifieri l-konvenut bħala missier. Difatti, skond issistema tal-liġi tagħna, it-tfal ta' familja, sakemm ikunu taħt l-età, jibqgħu dejjem suġġetti għall-potestà ta' missierhom, li għalhekk ikollu l-kura u l-kustodja tagħhom (art. 155, 157 u 180 tal-Kodiċi Ċivili); u sakemm dana d-dritt ikun fil-missier, l-omm ma għandhiex legalment il-kura tat-tfal; u konsegwentement hija mhix responsabbli tal-għemil tagħhom quddiem il-liġi (ara f'dan is-sens Kollez. VII, paġ. 454 recte, col. 2da.);

Għal dawn il-motivi;

Tillibera lill-konvenuta Carmela Cutajar. bl-ispejjeż kontra l-attur;

U tilqa' t-talba ta' l-istess attur, billi tikkundanna lill-istess konvenut Cutajar iħallas is-somma ta' £55; bl-imgħax kif mitluba, u bl-ispejjeż.

---